# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2015**

**Numru 14**

**Rikors numru 1778/00 JZM**

**Stephen Galea**
**v.**

**(1) Frans Farrugia**
**(2) Raymond Vassallo**
**(3) John Abdilla**
**(4) Godfrey Borg**
**(5) Malta Drydocks, u b'digriet tas-27 ta' Frar 2004 Saviour Gauci, Direttur Generali (Operations) fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomici assuma l-atti flok Malta Drydocks u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2010 Joseph Croker f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks issostitwixxa lil Saviour Gauci fil-kwalita` tieghu premessa u b'digriet tad-9 ta' Gunju 2014 Claude Cuschieri assuma l-atti minflok Joe Croker ghan-nom tal-Gvern ta' Malta bhala successur tal-Malta Drydocks**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat mill-attur appellant fid-19 ta' Frar 2016, jigifieri erbat ijiem wara l-udjenza tal-15 ta' Frar 2016 li fiha d-difensuri ittrattaw l-appell incidentali u l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza ghad-19 ta' April 2016.

2. Permezz tar-rikors odjern l-attur issolleva ksur da parti ta' din il-Qorti tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq minn qorti imparjzali u indipendenti, senjatament billi: din il-Qorti "retroattivament" iddikjarat bhala dezert l-appell principali tieghu, u wkoll il-President ta' din il-Qorti kien Avukat Generali u ghalhekk konsulent legali tal-Gvern. Ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tirreferi l-kwistjoni kostituzzjonali sollevata minnu lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, ai termini tal-Artikolu 46 [1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni].

3. L-ewwel ilment li fuqu l-attur qed isejjes it-talba tieghu jirrigwardja d-digriet moghti minn din il-Qorti fil-11 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu l-Qorti iddikjarat hekk:

> "….li d-dezerzjoni tal-appell ewlieni sehhet *ipso iure* fit-28 ta' Ottubru 2014 that l-artt. 964[1] u 967 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u dakinhar l-appell spicca, u s-sentenza tal-ewwel grad saret res iudicata that l-art.963 tal-istess kodici bla hsara ghall-appell incidentali tal-konvenuti."

4. F’dak id-digriet din il-Qorti spjegat l-*iter processwali* li wassal sabiex l-appell tal-attur jigi dikjarat dezert, kif ukoll spjegat il-motivazzjoni tal-provvediment taghha. Ghaldaqstant mhux il-kaz li jigi ripetut dak li ntqal fl-imsemmi digriet u lanqas mhu ser jerga’ jigi trattat il-meritu ta’ dak gia` deciz minn din il-Qorti permezz tal-imsemmi digriet, hlief sa fejn hu relevanti ghall-kwistjoni kostituzzjonali/konvenzjonali sollevata mill-attur.

5. L-attur isostni li d-digiret moghti fil-11 ta’ Jannar 2016 jilledi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq u dak li sehh fil-kors tal-proceduri odjerni “jincidi b’mod avvers fuq zewg principji ta’ gustizzja civili: *equality of arms* u gustizzja naturali”. Huwa jispjega hekk dan l-ilment tieghu:

> “Fil-provvediment moghti fil-11 ta’ Jannar 2016, imkien ma jissemma’ li d-direzzjoni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti permezz tal-verbali konsekuttivi taghha kienet zbaljata u li setghet hija stess, bla ma riedet, zgwidat lill-esponent; u minflok it-tort ghall-izball inxtehet fuq l-appellant avolja l-verbali jigu ddettati mill-Qorti u mhux minnu u avolja l-appell tieghu kien debitament kawtelat, ezattament kif l-esponent gie ordnat jaghmel bl-avviz tas-smigh kif ukoll permezz tal-verbal ta’ din l- Onorabbli Qorti tat-2 ta’ Frar 2015.
>
> “Illi inoltre, hadd miz-zewg avukati difensuri tal-konvenuti ma lissen ebda oggezzjoni ghad-direttiva tal-Qorti biex l-esponent ihallas il-kawtela, u ghalhekk huma rrinunzjaw ghal kull oggezzjoni li setghet kienet tispetta lilhom dak iz-zmien u accettaw pjenament il-verbal dettat mill-Qorti 'in toto' bhala li jirrispekkja dak l- istat ta’ fatt. Tghid x'tghid il-ligi, il-partijiet flimkien mal-Qorti, issigillaw dak l-istat ta’ fatt. Barra minn hekk, kellu jkun ovvju illi l-pronunzjament tad-dezerzjoni retroattivament kien ser iwassal ghal negazzjoni serja tal-gustizzja.
>
> “…… jissottometti illi f’dawn ic-cirkostanzi l-appell principali ma kellux u ma setax jitqies ghall-arrieda u retroattivament dezert, u dan in vista tal-verbal tat-2 ta’ Frar 2015, fost ragunijiet ohra. Kuntrarjament ghal dak li ddecidiet din l- Onorabbli Qorti, hija ghandha s-setgha li ma

tiddikjarax l-app ell dezert kemm-il darba l-parti tkun ser tigi serjament ippregudikata bit-terminazzjoni ta' l-appell ..

………………. Omissis …………………

"Illi dan kollu jgib illi regola ta' procedura giet applikata b'mod anormali billi l-appell ta' l-esponent ma jinstemax u jitnehha irrimedjabbilment minn quddiem din l- Onorabbli Qorti, u dan wara li l-esponent kien ilu dawn is-snin kollha jistenna (mill- 2010 sa l-2016) biex l-appell tieghu jigi appuntat ghas-smiegh minn din l-Onorabbli Qorti u jigi ttrattat u deciz. Barra minn hekk, huwa hallas somma ta' flus konsiderevoli bhala kawtela jew garanzija ghall-ispejjez proprju sabiex l-appell tieghu jigi mismugh u deciz - u dan wara li din l-Onorabbli Qorti nnifisha dderigietu biex jaghmel hekk. Izda mbaghad, retroattivament, iddikjarat l-appell tieghu bhala dezert minkejja li thallset il-kawtela proprju biex l-appell jigi mismugh."

"Illi dan kollu jmur kontra d-dritt garantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll kontra s-sentenza **Mercieca and Others v. Malta** moghtija mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

"Illi b'hekk jigi li nkiser id-dritt fondamentali tal-esponent ghal smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli, jigifieri mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell."

6. Minn naha taghhom fir-risposta ghar-rikors tal-attur, il-konvenuti ghamlu elenku shih u dettaljat tas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti kif ukoll dwar x'sehh f'dawk is-seduti. Huma jissenjalaw li l-attur "tul dan il-procediment ipprova jiehu vantagg mid-disponibilita` shiha ta' din il-Qorti li tippermettilu jaghmel il-kaz tieghu". L-attur halla l-kawza tigi trattata u tmur ghas-sentenza sakemm fl-ahhar nett qajjem il-lanjanzi kostituzzjonali.

7. Il-konvenuti jkomplu jissottomettu li l-imgieba tal-attur f'dawn il-proceduri:

"…..ghandha minn abbuz tad-drittijiet procedurali tieghu ghad-dannu ta' din il-Qorti u x-xoghol l-iehor pendenti taghha, u ghad-dannu tal-esponenti li 14- il sena wara li r-rikorrent spicca mill-impjieg tiegu mal-Malta Drydocks u 13-il sena wara li l-Korporazzjoni Malta Drydocks giet xjolta, ghadhom ma hadux gudizzju finali f' din il-vertenza bir-riskju li tibqa' titwal bla bzonn jekk it-talba tar-rikorrent ghar-referenza kostituzzjonali f' dan l-istadju tigi milqugha minn din il-Qorti."

8. Fir-risposta taghhom il-konvenuti jiddelinejaw bil-mod segwenti l-iter processwali:

"8. Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza quddiem din il-Qorti b'rikors intavolat minnu fid-19 ta' April 2010, li kien notifikat lill-esponenti fis-17 ta' Mejju 2010, u dawn ipprezentaw ir-risposta taghhom, flimkien ma' appell incidentali mill-istess sentenza.

"9. Minkejja li kien debitament notifikat, ir-rikorrent ghazel li ma jipprezentax risposta ghall-appell incidentali tal-esponenti.

"10. L-appell principali tar-rikorrent, u l-appell incidentali tal-esponenti, instemghu ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti fis-17 ta' Gunju 2013, meta dehru l-esponenti u d-difensur taghhorn, pero` ma deherx ir-rikorrent u lanqas id-difensur tieghu. Ir-rikorrent kien ghadu mhux notifikat bl-avviz tas-smigh, u lanqas bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela. Is-smigh tal-appell principali u l-appell incidentali b'hekk gie differit ghas-7 ta' Ottubru 2013.

"11. Fis-7 ta'Ottubru 2013, regghu dehru l-esponenti, pero` r-rikorrent Stephen Galea u d-difensur tieghu baqghu ma dehrux. L-istess rikorrent kien ghadu mhux notifikat bl-avviz tas-smigh jew bl-avviz tal-kawtela, u din il-Qorti wara li rat li fil-mori tad-differiment ma kienet thallset ebda notifika, ordnat komunika tal-verbal id-difensur tar-rikorrent Dr. Tonio Azzopardi '*bl-intiza cara li jekk sad-differiment li jmiss jibqghu ma jittiehdux passi sabiex sisir in-notifika opportuna tal-appellant il-Qorti ... tiddifferixxi l-appell sine die'.*

"12. Fit-l8 ta' Novembru 2013, regghu dehru l-esponenti u d-difensur taghhom, filwaqt li r-rikorrent u d-difensur tieghu regghu ma dehrux. Dr. Tonio Azzopardi ghar-rikorrent kien baghat jibghat differiment. Il-Qorti regghet innotat li r-rikorrent Stephen Galea kien ghadu mhux notifikat bl-avvizi tas-smigh u tal-hlas tal-kawtela, u '*ghat-tieni darba ... tidderigi lill-appellant sabiex jirregola ruhu fir-rigward*'.

"13. Fis-16 ta' Dicembru 2013, regghu dehru l-esponenti u d-difensur taghhom. Din id-darba deher ukoll Dr. Tonio Azzopardi ghall-appellant principali Stephen Galea, li pero` *'ddikiara li ma huwiex*

*f'posizzjoni lijaghti ruhu* b'notifikat *bl-avviz tas-smigh u bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela ghan-nom tal-klijent tieghu*'. Din il-Qorti regghet tat zmien lil Dr. Azzopardi biex jinnotifika lill-appellant bl-avvizi tas-smigh u tal-kawtela.

"14. Fl-20 ta' Jannar 2014, regghu dehru l-esponenti u d-difensur taghhorn, pero la r-rikorrent u lanqas id-difensur tieghu Dr. Tonio Azzopardi ma deher. Dr. Azzopardi talab differiment. Din il-Qorti, wara li rat li ma kienu saru ebda tentattivi ohra ghan-notifika tar-rikorrenti bl-avvizi tas-smigh u tal-hlas tal-kawtela avzat lil Dr. Azzopardi li '*jekk sas-seduta li [miss tali zieda ma tithallasx l-appell tieghu jigi differit sine die*'. Dan il-verbal kien komunikat lil Dr. Tonio Azzopardi.

"15. Fis-17 ta' Frar 2014, dehru l-esponenti u d-difensur taghhom, pero` r-rikorrent Stephen Galea u d-difensur tieghu regghu ma dehrux. Billi lahaq sar tentattiv ta' notifika, li pero` falla, din il-Qorti iddifferiet is-smigh ghan-notifika '*b'dan li ghandhomjittiehdu il-mizuri opportuni sabiex jigi assigurat in-notifika tal-appellant skont il-ligi altimenti l-appell tieghu jigi differit sine die u l-Qorti tipprocedi ghat-trattazzioni tal-appell incidentali*'. Dan il-verbal kien ukoll komunikat lil Dr. Azzopardi ghar-rikorrent appellant principali.

"16. Fit-28 ta' April 2014, dehru l-esponenti u d-difensur taghhom, u Dr. Tonio Azzopardi li nforma lill-Qorti li '*huwa ghamel diversi tentattivi sabiex jipprova jinnotifika fill-appellant Stephen Galea u sahansitra anke nformah oralment bl-obbligi tieghu skont il-ligi mal-appellant*'.

"F'dik l-udjenza, din il-Qorti ddecidiet li *'fic-cirkostanzi tiddiferixxi l-appell ta' Stephen Galea sine die li ghaddiet sabiex tiffissa appuntament ghat-trattazzioni tal-appell incidentali'.* Il-Qorti dakinhar iffissat il-jum tad-9 ta' Gunju fil-11.10am ghat-trattazzjoni tal-appell incidentali.

"17. Fid-9 ta' Gunju 2014, meta allura l-appell principali kien ghadu sine die u ma kienet ghadha saret ebda talba ghar-riappuntament tieghu, l-appellant principali Stephen Galea rega' ma deherx. Dehru l-esponenti u d-difensur taghhom, u Dr. Tonio Azzopardi ghar-rikorrent.

"Dr. Tonio Azzopardi ssolleva '*l-eccezzjoni tar-rikuza billi wiehed mill-konvenuti huwa proprju l-Gvern la' Malta li tieghu s-sinjurija tieghu Onorevoli Prim Imhallef Silvio Camilleri kien konsulent legali bhala Avukat Generali.*'

"L-esponenti opponew ruhhom ghal dik it-talba billi ma kienet tirrikorri ebda raguni minn dawk stipulati fl-Art. 734 tal-Kap. 12 ghar-rikuza tal-President f'dan il-kaz.

“Il-kaz gie differit ghall-provvediment dwar din l-eccezzjoni tar-rikuza.

“18. Fis-<u>27 ta’ Gunju 2014</u>, <u>8 ta’ Lulju 2014</u> u <u>31 ta’ Ottubru 2014</u>, din il-Qorti ddifferiet il-kaz ghal jum iehor.

“19. Fil-<u>5 ta’ Dicembru 2014</u>, din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tal-provvediment minhabba li r-rikorrent Stephen Galea ma kienx jidher ufficjalment notifikat bl-avviz tas-smigh.

“L-esponenti, ghaliex kellhom interess li <u>l-appell incidentali taghhom jinstema’ u jigi deciz</u>, talbu li jigu awtorizzati huma jinnotifikaw lir-rikorrent Stephen Galea wara l-hin legali skont il-ligi u l-Qorti laqghet it-talba,

“**Sa dakinhar, l-appell principali ta’ Stepben Galea baqa’ sine die u r-rikorrent kien ghadu ma talabx ir-riappuntament tieghu.**

“20. Fit-<u>2 ta’ Frar 2015</u>, dehru l-esponenti u d-difensur taghhom. <u>Deher ukoll ghall-ewwcl darba Stephen Galea (billi 1-esponenti kienu lahqu nnotifikawh skont l-ordni ta’ din il-Qorti)</u> assistit minn Dr. Tonio Azzopardi.

“Il-Qorti tat zmien lir-rikorrent biex ihallas il-kawtela ghall-appell principali.

“21. Fis-<u>16 ta’ Frar 2015</u>, regghu dehru l-esponenti u d-difensur taghhom, u Dr. Tonio Azzopardi. L-appell gie differit ghall-provvediment dwar ir-rikuza tal-President.

“22. Fis-<u>27 ta’ Frar 2015</u>, dehru biss l-esponenti u d-difensur taghhom, u inghata l-provvediment ta’ din il-Qorti li permezz tieghu cahdet l-eccezzjoni tar-rikuza sollevata minn Dr. Tonio Azzopardi ghal Stephen Galea.

“Sadanittant, l-appellant principali Stephen Galea baqa’ qatt ma talab ir-riappuntament tal-appell principali.

“23. Fis-<u>16 ta’ Marzu 2015</u>, dehru l-partijiet u d-difensuri taghhom, u din il-Qorti ffissat jum u hin ghat-trattazzjoni.

“24. Fil-<u>11 ta’ Mejju 2015</u>, dehru l-esponenti u d-difensur taghhom, u deher l-appellant principali Stephen Galea. Id-difensur tieghu Dr. Azzopardi pero` talab differiment.

“25. Fl-<u>1 ta’ Gunju 2015</u>, dehru l-partijiet u din il-Qorti regghet tat jum u hin ghat-trattazzjoni.

“26. Fit-<u>2 ta’ Novembru 2015</u>, il-Qorti ssollevat “jidher illi Stephen Galea jsostni illi l-appell tieghu li kien mar sine die gie rijappuntat izda

mill-atti ma jirrizultatx li qatt saret talba ghar-riappuntament li giet milqugha minn din il-Qorti”.

“Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ddifferiet il-kaz ghall-informazzjoni ulterjuri.

“27. B’rikors prezentat fit-30 ta’ Novembru 2015, l-appellant principali Stephen Galea talab ir-riappuntament tal-appell principali tieghu.

“28. F1-14 ta’ Dicembru 2015, l-esponenti bil- mezz tad-difensuri taghhom issottomettew li l-appell principali ta’ Stephen Galea kien mar dezert fit-28 ta’ Ottubru 2014 skont l-**art.964** u **967** tal-Kap. 12.

“Id-difensuri tal-partijiet tratlaw din il-kwistjoni u l-kaz gie differit ghal provvediment dwar id-dezerzjoni tal-appell principali ta’ Stephen Galea.

“29. Fil-11 ta’ Jannar 2016, dehru l-partijiet assistiti. Din il-Qorti tat il-provvediment taghha dwar id-dezerzjoni tal-appell principali, u filwaqt li laqghet is-sottomissjoni tal-esponenti, iddikjarat l-appell principali ta’ Stephen Galea dezert, filwaqt li ffissat jum u hin ghat-trattazzjoni tal-appell incidentali tal-esponenti.

“30. Fil-15 ta’ Frar 2016, regghu dehru l-partijiet assistiti u l-appell incidentali gie trattat, u differit ghas-sentenza ghad-29 ta’ April 2016.

“Erbat ijiem wara, fid-19 ta’ Frar 2016, l-appellant principali Sttephen Galea ipprezenta r-rikors odjern li permezz tieghu qed li allega li garrab ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu biz-zewg provvedimenti li tat din il-Qorti dwar l-eccezzjoni tar-rikuza, u l-eccezzjoni tad-dezerzjoni tal-appell principali, rispettivament fis-27 ta’ Frar 2015 u fil-11 ta’ Jannar 2016.”

9. Mill-kwadru premess ta’ dak li gara matul l-appell prezentat mill-attur, liema kwadru huwa konfermat minn din il-Qorti li huwa fidil ghal dak li sehh matul l-udjenzi hemm indikati, jirrizulta car u manifest li f’dawn il-proceduri istitwiti mill-attur stess, dan naqas, u naqas serjament, mill-obbligu tieghu li jsegwi l-appell tieghu, bir-rizultat li inhlew diversi seduti sabiex jigi notifikat hu bl-avviz tas-smigh tal-appell tieghu stess, u dan minkejja li ghal xi seduti kif fuq indikat l-avukat

difensur tieghu u allura mandatarju tieghu fil-proceduri gudizzjarji odjerni kien prezenti.

10. Izda minkejja li l-avukat tieghu kien prezenti ghal xi seduti dana informa lill-Qorti li ma kienx fil-posizzjoni li jaghti ruhu b'notifikat ghall-klijent tieghu, u kien biss wara li l-konvenuti appellati, b'tentattiv sabiex ma jinheliex aktar zmien bid-dewmien kawzat minn nuqqas da parti tal-attur, hadu l-inizzjattiva huma sabiex jinnotifikaw lill-istess attur permezz tal-procedura tal-affissjoni bl-avviz tas-smigh tal-appell tieghu u tal-hlas tal-kawtela.

11. Verament din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur qed isostni li, b'referenza ghall-kaz **Mercieca and Others v Malta**[1], hu ma nghatax access ghal Qorti rizultat ta' interpretazzjoni restrittiva tar-regoli proceduirali dwar id-dezerzjoni. Mhux talli l-attur kellu access ghal qorti, izda talli huwa ghamel uzu minn dan id-dritt tieghu bil-prezentata tal-appell. Izda minn dakinnhar li l-attur prezenta l-appell tieghu huwa kellu l-obbligu li, anke tramite l-avukat tieghu, jsegwi l-appell tieghu u jassigura li hu jigi notifikat jew jaghti ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smigh u tal-hlas tal-kawtela.

[1] Appl.21974/07 deciz 14 Gunju 2011. Dan il-kaz kien differenti minn dak odjern. F'dak il-kaz, il-Qorti Ewropeja osservat li "the Constituional Court specifically acknolwedge that the law had been wrongly appliked by the Court of Appeal with the consequence that the applicant's appeal had been unfairly rejected" [para.48]

12. Mhux talli l-attur ma segwiex l-appell tieghu, talli matul il-perijodu sakemm gie notifikat mill-konvenuti, lanqas biss indenja ruhu jkellem lill-avukat tieghu biex jivverifika f'liema stadju wasal l-appell tieghu. Dan jirrizulta konfermat minn notament li sar mill-avukat tieghu wara li saritlu komunika tal-verbal moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2014 fejn din il-Qorti espressament iddikjarat li "*ghandhom jittiehdu l-mizuri opportuni sabiex jigi assigurat in-notifika tal-appellant skont il-ligi altrimenti l-appell tieghu jigi differit sine die*". Dan il-verbal gie komunitat lill-avukat tal-attur, li wara li laqa' l-komunika irregistra hekk: *"Qed isir kull sforz"*[2] Dan juri kemm l-attur, ghalkemm prezenta appell, ma ha ebda passi biex isegwi l-appell tieghu.

13. Barra minn hekk hemm il-konsiderazzjoni li l-attur kien assistit minn avukat u allura kellu jkun jaf li gheluq is-sitt xhur minn meta l-kawza kienet giet differita *sine die* kienu jiskattaw l-effetti tad-dezerzjoni kontemplati fl-artikolu fuq citati. Fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2013 din il-Qorti kienet ghamlitha cara li "*jekk sad-differiment li jmiss jbqghu ma jittiehdux passi sabiex issir in-notifika opportuna tal-appellant [l-attur] il-Qorti … tiddiferixxi l-appell sine die*"*.* Dan il-verbal kien gie komunikat lill-avukat tal-attur fil-11 ta' Ottubru 2013[3]. Izda xorta wahda l-attur baqa' passiv.

---

[2] Fol.55
[3] Fol.44

14. Fir-rigward tal-post u tal-hin tan-notifika tal-appellant din il-Qorti tosserva li fuq ir-riferti negattivi kollha hemm imnizzel il-kliem "*Ma fetah hadd*" anke fuq dik ir-riferta relattiva ghat-tentattiv ta' notifika li saret wara l-hinijiet legali.[4] Kien l-obbligu tal-attur li jaghmel ruhu disponibbli sabiex jilqa' l-atti fil-proceduri istitwiti minnu, b'mod li jekk biddel l-indirizz residenzjali tieghu huwa kellu jinforma lill-avukat tieghu bil-post fejn ikun jista' jigi notifikat. Izda l-provi juru li l-attur gie jaqa' u jqum minn x'gara bl-appell tieghu, tant li qata' anke il-kuntatt mal-avukat tieghu. Ghalhekk ghal fatt li l-appell tieghu safa' dezert skont il-ligi jahti biss hu – *imputet sibi*. Dawn ic-cirkostanzi jinnewtralizzaw l-ilment li gew ivvjolati l-principju tal-*equality of arms* u tal-gustizzja naturali

15. Inkwantu ghall-ilmenti tieghu li d-dezerzjoni giet dikjarata b'effett retroattiv, din il-Qorti tirreferi lill-attur ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fid-digriet taghha tal-11 ta' Jannar 2016.

16. Jigi ribadit fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikoli kontenuti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Kenneth Abela v. Aplan Limited** moghtija fis-6 ta' April 2008, fejn osservat li:

> "Trattandosi ta' norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares *ad unguem*, in raguni ta' l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f' ligijiet

[4] Fol.54 tergo

> ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" ("Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu 1997);"

17. Din il-Qorti tosserva li r-raguni principali wara disposizzjonijiet tal-ligi procedurali li jirregolaw il-materja tad-dezerzzjoni hija c-certezza legali u ghalhekk il-htiega li, wara li attur jistitwixxi proceduri gudizzjarji, huwa ghandu l-obbligu li issegwi sa fejn possibbli l-andament tal-proceduri; b'hekk tigi evitata sitwazzjoni, bhala dik prezenti, fejn in-nuqqas tal-attur li jsegwi dan id-dmir tieghu johloq sitwazzjoni fejn il-kawza tibqa' pendenti minghajr ma jkun jista' jsir progress fiha, u dan ghad-dannu tal-kontro-parti li, rizultat tan-nuqqas tal-attur, tibqa' fil-limbu dwar il-konkluzjoni tal-proceduri mibdija kontra taghha u b'hekk jista' jinghata lok ghall-vjolazzjoni tad-dritt tal-kontro-parti ghal smigh xieraq fiz-zmien ragjonevoli.

18. Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet legali l-allegazzjoni tal-attur li din il-Qorti bil-verbali taghha "zgwidat" lill-attur, kif ukoll l-allegazzjoni tieghu li l-konvenuti "irrinunzjaw" ghal kull oggezzjoni li setghet tispetta lilhom, huma legalment insostenibbli: kemm ghax in-normi legali li jirregolaw il-materja tad-dezerzjoni huma ta' ordni pubbliku u bhala tali ma jistghux jigu rinunzjati, kif ukoll ghax kien mistenni li l-attur, li kien u ghadu assistit minn avukat, ikun konxju tar-regoli tad-dezerzjoni fil-kodici ta' procedura, senjatament tac-cirkostanzi marbuta

mal-perjodu perentorju li jwassalu ghad-dezerjoni, u li l-applikazzjoni o meno ta' dawk in-normi ma kinitx fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

19. Fid-dawl tal-premess hija zbaljata u anti gurdika s-sottomissjoni tal-attur li "*Tghid x'tghid il-ligi, il-partijiet flimkien mal-Qorti, issigillaw dak l-istat ta' fatt*". Fil-fehma ta' din il-Qorti din is-sottomissjoni hija zbaljata ghal zewg ragunijiet principali: [1] ghax il-ligijiet intizi sabiex jirregolaw id-dritt procedurali huma ta' ordni pubbliku u qeghdin hemm ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja billi jirregolaw il-proceduri gudizzjarji; u [2] ghax "l-istat ta' fatt" li ghalih jirreferi l-attur u li holoq huwa stess bin-nuqqas tieghu fuq indikat ma jwassalx ghall-effetti legali pretizi mill-attur.

20. Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehema li l-ilment tal-attur, li f'dan il-kaz gie lez id-dritt tieghu ghal smigh xieraq minhabba d-digriet ta' dezerzjoni, huwa frivolu u vessatorju.

21. Rigward l-ilment l-iehor tal-attur li d-digriet moghti fis-27 ta' Frar 2015, li permezz tieghu din il-Qorti iddisponiet mill-eccezzjoni sollevata minnu dwar ir-rikuza tal-President ta' din il-Qorti abbazi ghal dak li jiddisponi l-artikolu 734[1][d][i] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, l-attur fisser hekk ir-ragunijiet li fuqhom qed isostni l-pretensjoni tieghu li dak id-digriet jilledi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq:

> "Waqt it-trattazzjoni orali gie rilevat ukoll li l-Prim Ministru ta' dakinhar kien ghal diversi drabi konsekuttivi naqas li jattendi bhala xhud avolja kien debtiament ingunt, u sahansitra ntalab il-hrug ta' mandat ta' akkompanjament. Mhux maghruf jekk kienx ikkonsulta lill-Avukat Generali dwar it-tahrika ta' xhud jew dwar in-nuqqas ta' attendenza tieghu[5]….. l-esponent la qatt kellu, la jista' jkollu, u lanqas ghandu llum, l-opportunita' li jezamina l-files mizmuma fl-Ufficju tal-Avukat Generali biex jara jekk il-President kienx gie kkonsultat mill-Prim Ministru ta' dak iz-zmien jew jekk kienx ta' parir li jolqot il-legittimu kontradittur f' din il-kawza jew jekk kienx ta' parir iehor dwar it-talbiet tal-attur, imqar oralment. Dak li hu cert huwa li l-gustizzja mhux biss trid issir izda ghandha tidher li qieghda ssir.. L-esponent isostni li fil-kaz prezenti dan il-pilastru fondamentali ghall-garanzija ta' imparzjalita' gie nieqes."

22. Mill-premess jirrizulta manifest li l-ilment tal-attur huwa ipotetiku ghal ahhar in kwantu ibbazat fuq supposizzjonijiet mhux sostnuti bi provi dwar jekk setax kien il-kaz li l-President tal-Qorti, allura l-Avukat Generali, ta parir lill-Prim Ministru, liema parir jolqot il-legittimu kontradittur f'dina l-kawza imqar oralment. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li kemm jista' jkun il-gustizzja, mhux biss issir izda ghandha wkoll tidher li qed issir, mill-banda l-ohra pero` zgur li mhuwiex legalment konsentit li wiehed jispara fl-ajru biex forsi jolqot xi haga bhala ma qed jaghmel l-attur fir-rikors tieghu.

23. F'dan il-kaz l-attur m'ghandu ebda prova li tmur kontra dak spjegat fid-digriet precitat u li abbazi tieghu l-Qorti cahdet l-eccezzjoni tar-rikuza. Fil-paragrafi 4 u 5 id-digriet jaqra hekk:

> "4. Mhux bizzejjed, izda illi gudikant kien avukat ta' parti f' kawza biex jigi rikuzat milli joqghod f' dik il-kawza: irid ikun 'ta' l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb' dwar dik il-kawza partikolari. Issa f'

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti

> din il-kawza tallum il-Gvern ta' malta f' ebda stadju ma kien patrocinat mill-Avukat Generali izda dejjem mill-istess avukat li qabel kien jippatrocina lit-Tarzna ta' Malta u li ma huwiex avukat fl-Ufficju tal-Avukat Generali.
>
> "5.Fic-cirkostanzi tal-kawza tallum, ghalhekk ma hemm lebda wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-art. 734[1][d][i] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li tista' twassal ghar-rikuza tal-president ta' din il-qorti."

24. L-attur ma gab ebda prova, la diretta u lanqas indiretta, li tikkuntrasta mal-motivazzjoni fuq citata, u ghalhekk, fin-nuqqas totali ta' provi fir-rigward din il-Qorti ma tistax tara, lanqas fuq bazi *prima facie*, kif l-pretensjoni tal-attur ta' lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq tista' treggi b'xi mod.

25. Ghaldaqstant tikkonsidra t-talba tal-attur ghar-referenza kostituzzjonali u konvenzjonali frivola u vessatorja, u ghalhekk tichad it-talba; bl-ispejjez relatati ma' dan il-provvediment a kariku tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb